# ĠIEĦ GĦAL BELTHOM

## Kanonċi u Saċerdoti Sengleani tas-Seklu XX li baqgħu jissemmew

Il-belt ta' l-Isla minn dejjem kienet imsemmija għan-numru ta' saċerdoti u professjonisti li ħarġu minnha. Anke f'dak li jirrigwarda l-Kolleġġjata, il-Kapitlu minn dejjem kien magħruf għan-numru mhux żgħir ta' Kanonċi li kien iħaddan fih. Bosta kienu dawk il-Kanonċi u saċerdoti oħra Sengleani li għamlu isem matul dan is-seklu li qed jispiċċa. Fit-tmiem tas-seklu, huwa xieraq li nsellmu lil xi wħud minnhom u nirringrazzjawhom tal-ġieħ li huma għamlu lill-Isla, Belt twelidhom.

### MONS. SALVATORE GAFFIERO (1828–1906): It-Tieni Isqof mill-Isla

Salvatore twieled fl-Isla fit-8 ta' Marzu 1828. Fit-8 ta' Marzu 1840, ħa l-pussess ta' kanonku ta' l-Isla. Hu ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Publiju Sant, fl-20 ta' Diċembru 1851, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt. Filwaqt li hu ppriedka ma' Malta kollha, u niseġ il-paniġierku tal-festa ewlenija tal-parroċċi kważi kollha, l-Isla gawdietu fl-ewwel erbatax-il sena tas-saċerdozju tiegħu. Għal darbtejn (1855–1858 u l-1862–1865), hu kien il-Prepostu ta' l-Oratorjani ta' San Filippu. Fl-1865, laħaq Kappillan ta' Ħal Għargħur u fl-1868, sar Kappillan tal-Floriana. Fit-30 ta' Lulju, 1875, Gaffiero ġie magħżul Monsinjur tal-katidral ta' Malta u fit-3 ta' Awissu, 1886, il-Papa Ljun XIII ħatru prelat domestiku. Wara rakkomandazzjoni ta' l-Arċisqof Pietru Pace, il-Papa Ljun XIII għażel lil Gaffiero bħala Isqof awżiljarju għal Malta u isqof titulari ta' Silimbrija. Din kienet aħbar li ġiebet ferħ kbir fil-belt ta' l-Isla. Il-konsagrazzjoni tiegħu kienet saret fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Ħadd, 15 ta' Jannar 1899.



*Mons. Salvatore Gaffiero*

Tul it-tmin snin tiegħu bħala Isqof, il-kuntatti ma' l-Isla kienu kontinwi. Tant hu hekk li hu mar kemm-il darba l-Isla biex jamministra s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof u ġie mistieden kull sena biex jiffunzjona fi żmien il-Bambina. Fit-22 ta' Diċembru 1901, l-Isqof Gaffiero iċċelebra il-ġublew tad-deheb saċerdotali tiegħu fil-Kolleġġjata ta' l-Isla. Nistgħu ngħidu li kien prelat li ġibed lejh is-simpatija ta' kulħadd għall-umiltà naturali tiegħi.

### DUN ANĠ. RAGGIO (1852–1928): Qassis ta' Ħajja Qaddisa



*Dun Anġ. Raggio*

Anġelo twieled l-Isla fit-8 ta' Diċembru 1852. Raggio ħassu msejjaħ biex isir qassis, u għex ħajja miġbura f'San Filippu ta' l-Isla. Wara li ġie ordnat saċerdot, Raggio, fis-17 ta' Ġunju 1877, iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja ta' San Filippu. Ta' 30 sena, hu ġie magħżul Prepostu tal-Filippini. Raggio dam Prepostu mill-1882 sal-1928. Imma bejn l-1917 u l-1926, hu kellu l-għajnuna ta' Dun Ġużepp Bonanno minħabba li kien batut ħafna f'saħħtu. Dan kien iż-żmien meta San Filippu ġibed lejh hafna nies għall-fama ta' qdusija li dan il-qassis baqa' jgawdi sal-mewt.

Dun Anġ Raggio kien miġbur, u fl-istess waqt ferrieħi, jaf jiċċajta u jħobb ħafna lit-tfal. Apprezzament ċkejken li ingħata kien meta l-Arċisqof Caruana ġieblu minn Ruma l-onorifiċenza ta' prelat

domestiku. Hu miet fid-29 ta' Settembru 1928. Il-funeral tiegħu kien xhieda ta' l-imħabba u l-qima li kulħadd kellu lejh. Waqt l-elogju funebri, Patri Lwiġi Attard, sejjaħ lil Dun Anġ *"l-isbaħ fjur ta' kollu kemm hu l-kleru ta' Malta"*. Fl-1953, f'egħluq il-25 sena mill-mewt tiegħu, kien hemm il-ħsieb li l-fdal tiegħu jiġi trasportat miċ-ċimiterju ta' l-Addolorata għal San Filippu. Dan però ma sar qatt.

**MONS. INJAZJU PANZAVECCHIA (1855–1925): Prelat u Politiku**

Senglean li ismu jinsab fost il-persuni l-iżjed magħrufin f'Malta ta' ftuħ is-seklu għoxrin kien Mons. Injazju Panzavecchia. Injazju twieled l-Isla fil-21 ta' Novembru 1855. Lil Panzavecchia narawh jaħdem fl-Isla bħala saċerdot u Kanonku. Kien segretarju tal-Kapitlu, direttur ta' l-Ospizju Sant'Anna, u bniedem ta' personalità qawwija. Minbarra li, bħala saċerdot, ħassu fid-dmir li jiddefendi d-drittijiet tal-Knisja, bħala Malti, hu tħabat biex Malta tieħu dak li hu tagħha mingħand il-barrani. fl-1891, hu ġie magħżul għall-ewwel darba fil-Kunsill tal-Gvern. F'dak iż-żmien, hu ħadem ħafna biex iż-żwieġ ċivili ma jidħolx f'Malta.



*Mons. Injazju Panzavecchia*

Mons. Panzavecchia kien dejjem ispirat mir-reliġjon Kattolika u ħabb il-kultura Taljana li kien jaraha xhieda taċ-ċiviltà latina u ewropea ta' Malta. Fl-1910, hu waqqaf il-Comitato Patriottico bi skop biex il-Maltin, b'sens ta' patrijottiżmu, ma jieqfu qatt milli jeħduha kontra l-Ingliżi. Hu baqa' jitħabat għad-drittijiet kostituzzjonali ta' Malta mingħajr ma tbiegħed mil-lealtà lejn l-Ingilterra. Fl-1918, Panzavecchia kellu sehem attiv fl-Assemblea Nazzjonali mwaqqfa mit-tabib Filippo Sciberras. Fl-istess żmien, Panzavecchia waqqaf il-partit tiegħu bl-isem ta' Unione Politica Maltese. Fl-elezzjoni li saret fl-1921, il-partit ta' Panzavecchia kiseb maġġoranza, imma hu rrinunzja li jkun prim ministru. Fil-fatt, kien hu stess li ppropona lil Joseph Howard.

Mons. Panzavecchia miet ta' 70 sena fl-20 ta' Awissu 1925 u l-funeral sarlu l-għada, fil-Katidral ta' l-Imdina.

## KAN. DUN FRANĠISK BRIFFA (1862–1908): Parrokat Qasir

Franġisk twieled fil-11 ta'April 1862. It-tfulija u ż-żgħożija hu għaddihom fl-Isla fejn ukoll ħass il-vokazzjoni biex isir saċerdot. Wara li studja fil-Liċeo u fis-seminarju, fid-19 ta' Diċembru 1884, ġie ordnat saċerdot. Fl-1886, bħala saċerdot novell, hu ta bidu fl-Isla għall-Istitut ta' l-Edukazzjoni Kattolika. Fl-24 ta' Novembru 1902, wara tnax-il sena Kappillan in-Naxxar, hu ġie nnominat Arċipriet ta' l-Isla meta kellu 41 sena.



*Kan. Dun Franġisk Briffa*

L-Arċipriet Briffa gawda isem tajjeb bħala predikatur b'kelma sempliċi u li jifhimha kulħadd. Hu qatt ma ħalla l-parroċċa nieqsa minn numru ta' konfessuri. Hu nnifsu kien igħaddi ħafna ħin fil-konfessinarju. Il-fqar u l-morda kienu jafu li mingħandu setgħu jittamaw għajnuna fil-bżonnijiet tagħhom. Meta xi tfal sfaw iltima, hu għamel ħiltu kollha biex idaħħalhom f'xi istitut ta' beneficenza.

Opra artistika li l-Arċipriet Briffa mexxa 'l quddiem fuq dik mibdija mill-Arċipriet Tagliaferro, hija l-kisi tal-paviment u tal-pilastri tal-knisja bl-irħam.

L-Arċipriet Briffa, għalkemm kien għadu ta' età żgħira, kien qiegħed iħoss il-mard jagħfas fuqu. Fil-fatt, hu miet fl-24 ta' April 1908. Kien għadu kif għalaq 46

sena. Sinjali ta' luttu dehru mal-bibien u fuq il-bjut. Wara li sarlu funeral solenni fil-Kolleġġjata fis-26 ta' April, hu ġie midfun f'nofs il-Kolleġġjata f'qabar li kien sar apposta għall-Arċiprieti ta' l-Isla.

## KAN. DUN ĠUŻEPP ADAMI (1868–1930): Arċipriet ta' Ġrajjiet Kbar

Adami kien Arċipriet ieħor li twieled fl-Isla. Dan kien id-disa' Arċipriet ta' l-Isla u li rabat ismu ma' l-aqwa żewġ ġrajjiet tal-parroċċa ta' l-Isla minn mindu ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata fil-21 ta' Mejju 1786. Hu kellu parrokat twil ta' iżjed minn 18-il sena (1908–1927).

Ġużeppi twieled fit-3 ta' Mejju 1868. fi tfulitu, hu kien iservi ta' abbati fil-Kolleġġjata ta' l-Isla. Wara li għamel l-istudji tiegħu is-seminarju, Adami ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Mejju 1894. Kien konfessur imfittex, direttur spiritwali f'diversi skejjel ta' l-istat u predikatur tajjeb. Fl-1905, laħaq Kappillan f'Ħal Għaxaq, u meta kien għad kellu 40 sena, fid-29 ta' Ottubru 1908, sar Arċipriet ta' l-Isla.



Kan. Dun Ġużepp Adami

Fl-Isla Adami kien wieħed minn dawk li tħabtu biex is-Sorijiet Franġiskani jidħlu fl-Ospizju Sant'Anna. Fil-knisja hu kompla bl-opra ta' l-irħam tal-pilastri mibdija mill-predeċessur tiegħu. Kien hu stess li ħallas għall-ispejjeż tal-battisteru miksi bl-irħam, u bi statwa ċkejkna fuq li turi 'l San Ġwann igħammed lil Kristu.

L-istatwa ta' Marija Bambina kellha qima ta' iżjed minn 300 sena fl-Isla. Kienet ilha li waslet mis-sena 1618, u l-poplu ta' sikwit kien jitlob quddiemha fil-kappella fejn jinżamm is-Sagrament. Meta nqala' xi għawġ, bħal terremoti, pesta u nixfa, b'devozzjoni rrikorrew lejha. L-Arċisqof Caruana, mill-bidu nett tal-wasla tiegħu f'Malta fl-1915, beda jirċievi talbiet mill-Isla biex jinterċedi għalihom ħalli l-Bambina tiġi nkurunata f'isem il-Vatikan. peress li d-dinja kienet fi żmien ta' gwerra qalila, kollox ġie sospiż, però meta l-gwerra spiċċat, fl-1920 sar rikors lill-Kapitlu tal-Vatikan. Ir-reskritt ta' l-inkurunazzjoni ħareġ fl-1 ta' Mejju, 1920 u wasal Malta fis-7 ta' Mejju 1920. B'hekk, fi żmien il-parrokat ta' Adami, l-istatwa ta' Marija Bambina saret l-ewwel statwa tal-Madonna f'Malta inkurunata b'reskritt tal-Vatikan. L-inkoronazzjoni saret mill-Arċisqof Mauro Caruana fl-4 ta' Settembru 1921. Kellu jkun ukoll l-Arċipriet Adami innifsu li fid-19 ta' Jannar 1921, ilaqqa' b'urġenza l-Kapitlu u jinforma lill-Kanonċi bid-dokument pontifiċju *Ad Perennandam Memoriam* li bih il-Kolleġġjata ta' l-Isla ġiet mogħtija d-dinjità ta' Bażilka. Dan kien dokument li kiteb paġna oħra tad-deheb fl-istorja ta' l-Isla.



Kan. Dun Ġużepp Bonanno

M'hemmx dubju li t-18-il sena li Adami dam imexxi l-parroċċa, kienu snin ta' sodisfazzjon li imlewlu l-qalbu bil-ferħ. Hu temm il-ħidma tiegħu bħala Arċipriet f'Jannar 1927 għaliex ġie nnominat Monsinjur tal-Kattidral ta' Malta. Adami miet fir-Rabat, fejn kien joqgħod, fil-11 ta' Diċembru 1930, ta' 62 sena. Il-funeral tiegħu sar l-għada fil-Katidral ta' l-Imdina.

## KAN. DUN ĠUŻEPP BONANNO (1882–1942): L-Għaxar Arċipriet

Ġużepp Bonanno twieled l-Isla fit-18 ta' Ġunju 1882. Fl-1904, meta kien għadu suddjaknu, hu ġie magħżul bħala Kanonku tal-Kolleġġjata ta' l-Isla. Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Gaffiero waqt l-ordinazzjoni tat-23 ta' Diċembru 1905. Fil-21 ta' Ġunju 1927 hu ħa l-pussess bħala l-għaxar Arċipriet tal-parroċċa. L-ewwel snin

ta' l-Arċipriet Bonanno kienu dominati minn kwestjonijiet mal-Kurja u mas-Santa Sede dwar il-preċedenza.

Fl-1930. l-Arċipriet Bonanno inkariga lill-pittur Karkariż Ġużeppi Briffa biex ipitter is-saqaf tal-kor, b'xeni li juru r-rebħa tal-Maltin fuq il-Kavallieri fl-Assedju tal-1565. Briffa ġie mqabbad ipitter u jiddekora ukoll il-koppla, fejn pitter lil Sant'Anna bil-Bambina flimkien ma' seba' nisa mill-Antik Testment. Dawn l-opri tlestew sal-1937 imma sfortunatament ma kellhomx jitgawdew fit-tul.

Il-Kan. Dun Ġużepp Bonanno kien wasal fl-aħħar tal-parrokat tiegħu meta fit-3 ta' Settembru 1939, l-Ingilterra u Franza daħlu fi gwerra kontra l-Ġermanja. Kien il-bidu ta' żmien diffiċli. Fl-20 ta' Diċembru 1939, l-Arċisqof Caruana ħareġ in-nomina ta' Bonanno bħala Monsinjur tal-Katidral. Mons. Bonanno miet fl-Imdina fil-5 ta' Jannar 1942, u ġie midfun fil-kripta tal-Katidral.

## DOM MAURO INGUANEZ (1887–1955): Benedittin għaref

Fl-1920, fit-tħejjija għall-inkurunazzjoni tal-Bambina u t-titlu ta' bażilka li ġie mogħti lill-Isla, tidħol il-ħidma ta' Benedittin għaref li għamel ġieħ, mhux biss lill-Isla, belt twelidu, imma ukoll lil Malta u lill-Ordni tiegħu.

Hu twieled l-Isla, fil-21 ta' Settembru 1887. Fil-magħmudija hu ġie mogħti l-isem ta' Franġisk. Fl-1906, daħal mal-Benedittini fil-monasteru ta' Montecassino. Fl-1911 ġie ordnat saċerdot fil-knisja ta' dik l-abbazija. Fl-1912, wara li kiseb il-baċellerat fit-Teoloġija fil-Fakoltà ta' Sant' Anselmu f'Ruma, ġie magħżul bħala arkivista u bibljotekarju ta' Montecassino. Kien f'dan il-perjodu meta beda serje ta' pubblikazzjonijiet li ma qatgħu qatt. Beda jkollu kuntatti ma' persuni ta' mportanza kbira u gawda l-istima tagħhom.


*Dom Mauro Inguanez*

Inguanez kien ta' għajnuna kbira għall-għoti tat-titlu ta' Bażilka. Fil-fatt, wara li sar ir-rikors mill-Kapitlu ta' l-Isla, kien hu li nqeda bil-għajnuna tal-Kardinal Vico, li kien ħabib tiegħu, u li kien responsabbli minn każijiet bħal dawn. Id-dokument ta' l-erezzjoni tal-knisja parrokkjali ta' l-Isla bħala Bażilka ħarġu fit-3 ta' Jannar 1921.

Tul l-aħħar snin ta' ħajtu, hu kien Bibljotekarju tar-Royal Malta Library. Inguanez miet fis-17 ta' Ottubru 1955.


*Mons. Emanuel Galea*

## MONS. EMANUEL GALEA (1891–1974): It-Tielet Isqof mill-Isla

Emanuel twieled l-Isla fl-10 ta' Marzu 1891. Hu trabba ġo familja mill-aħjar taħt il-ħarsien ta' zijuh Dun Stiefnu Camilleri, il-Kanonku Kantur ta' l-Isla, u ħuh ieħor, Franġisk, li kellu jkun il-Kanonku Prepostu ta' l-Isla. Mill-ewwel deher bħala żagħżugħ twajjeb u intelliġenti. Ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1915. Wara li kiseb il-Baċċellerat fil-Letteratura u fil-Liġi tal-Knisja u d-Dottorat fit-Teoloġija, mill-Università ta' Malta, Dun Manwel mar jistudja fl-Università Gregorjana minfejn kiseb id-Dottorat fil-Liġi tal-Knisja.

Il-Kan. Dun Manwel Galea kien jagħmel ħiltu biex jaqdi bl-akbar eżattezza kull ħidma li kienet tiġi fdata f'idejh. Hu

kellu d-don rari li, mingħajr ma jtawwal, jitkellem u jgħallem b'mod ċar u jsaħħar bil-kelma sempliċi u profonda tiegħu. Hu kien segretarju tal-Kapitlu fiż-żmien ta' l-inkoronazzjoni ta' Marija Bambina. Il-Kan. Emanuel Galea, fl-1930, ġie magħżul bħala segretarju ġenerali ta' l-Arċisqof Caruana. Kien att ta' stima ta' l-Arċisqof lejn l-Isla u, b'mod speċjali, lejn il-Kanonku Galea li, għat-tjubija, l-għerf u l-għaqal tiegħu, kien tassew jisthoqqlu.

Fis-sena 1934, Mons. Emanuel Galea, kiteb innu popolari f'ġieħ Marija Bambina. Ferdinandu Falzon, is-Surmast tal-Mużika li kellha l-Bażilka, adatta l-mużika għalih, u sa llum għadu jitkanta b'entużjażmu fis-Santwarju ta' Marija Bambina. Fl-1940, Mons. Galea ġie magħżul bħala vigarju Ġenerali ta' l-Arċisqof Caruana u fl-20 ta' April 1942, in-nomina tiegħu bħala Isqof titulari ta' Tralles ġiebet ferħ kbir fost is-Sengleani. Minħabba li kienu snin ta' gwerra, is-Sengleani ma setgħux jifirħu miegħu għal din in-nomina. Però dak li s-Sengleani ma għamlux ma' l-Isqof Galea fl-1942, għamluh fl-1971, meta kien qed ifakkar egħluq il-25 sena mill-konsagrazzjoni episkopali tiegħu.

Mas-sebħ tal-21 ta' Awissu 1974, waslet fl-Isla l-aħbar ħażina tal-mewt ta' l-Isqof Emanuel Galea fl-età ta' 83 sena. Hu ġie midfun fiċ-ċimiterju Santu Rokku fiż-Żejtun. Imma fil-5 ta' Novembru 1990, il-fdal tiegħu ġie trasportat f'qabar ta' rħam fil-ġenb tal-kappella ta' l-Istitut Ġesù Nazzarenu taż-Żejtun. Bħala Isqof hu kien ta' kulħadd, u kull Malti ħass li Galea kien bniedem ta' kwalitajiet eċċellenti. Hu qatt ma falla milli jattendi għall-festa ta' Marija Bambina ta' kull sena. L-Isqof Galea ħabbewh dawk kollha li, b'xi mod, saru jafuh. Is-saċerdoti dejjem rawh bħala wieħed li setgħu jserrħu rashom fuq il-pariri għaqlin tiegħu. Hu żgur li l-Isqof Galea jibqa' fil-qalb ta' kull nisrani u wisq iżjed ta' kull Senglean. Bħala tifkira ċkejkna tiegħu, l-istemma familjar ta' l-Isqof Galea fl-1981, ġiet minquxa fuq il-bieb li jagħti għas-sagristija tal-Bażilka.

## KAN. DUN ĠWANN KARLU BURLÒ (1898–1970): It-Tnax-il Arċipriet

Ġwanni Karlu, twieled l-Isla fis-16 ta' Settembru 1898. Sa minn żgħożitu, hu wera li ma kienx ta' intelliġenza komuni. Fl-20 ta' Diċembru 1924, ġie ordnat saċerdot u f'Ottubru 1925, kiseb id-dottorat fit-Teoloġija u l-Baċċellerat fil-Liġi tal-Knisja.

Fl-14 ta' Jannar 1948, l-Arċisqof Gonzi nnomina 'l Burlò bħala t-tnax-il Arċipriet ta' l-Isla. Hu kellu 49 sena u ma kienx kanonku. Dik il-ħabta, l-knisja parrokkjali kienet imġarrfa u għalhekk, iċ-ċerimonja tal-pussess kienet saret fil-knisja ta' San Filippu. L-Arċipriet Burlò sab għajnuna kbira fil-Kan. Dun Franġisk Abela, li kien il-prokuratur għar-rikostruzzjoni tal-Bażilka.


*Kan. Dun Ġwann Karlu Burlò*

Fl-Isla, hu malajr intefa fuq il-ħidma pastorali li ma qatgħetx. Burlò ried li l-Isla tqum fuq riġlejha f'dik li hija l-ħajja spiritwali ta' parroċċa. Dan kien iż-żmien meta l-lajċi bdew ikunu importanti dejjem iżjed għas-sehem attiv tagħhom fil-parroċċa, u għalhekk, il-valur ta' l-għaqdiet beda jinħass ħafna.

Fil-bidu tal-1956, il-bini tal-bażilka kien kollu lest u l-Arċipriet Burlò bierek l-istatwa ta' Marija Reġina qabel ma din ittellgħet u tpoġġiet fuq il-faċċata tal-Knisja. fl-24 ta' Awissu 1957, l-Arċisqof Gonzi kkonsagra mill-ġdid il-Bażilka. Kien l-aħħar Sibt tal-Bambina. L-għada, l-Ħadd, 25 ta' Awissu, wara nofs in-nhar, saret it-translazzjoni tal-Bambina minn San Filippu għall-Bażilka.

Fi żmien dan il-parrokat, fil-bidu ta' l-1958, il-Ġiżwiti ħadu f'idejhom il-knisja ta' San Filippu minn fejn beda xogħol pastorali kbir. In-nies bdew jiffrekwentaw il-quddies f'dik il-knisja. Kien isir qrar u tqarbin għall-morda u ngħata bidu ukoll għal żewġ gruppi ta' talb. Superjuri ta' l-ewwel żmien kienu Patri Ġużeppi Galea u Patri Ġużeppi Delia.

Tul id-dsatax-il sena tal-parrokat tiegħu, l-Arċipriet Burlò baqa jitħabat biex il-Bażilka tiżżejjen dejjem iżjed. It-tribuna bażilikali hi l-aqwa opra ta' żmienu, fost opri oħra prezzjużi bħal ma hija l-Via Sagra bi gwarniċi tal-fidda. Hu temm il-ħidma tiegħu lejn l-aħħar tas-sena 1966, meta ġie magħżul bħala Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Malta. Mons. Ġwann Karlu Burlò miet fl-10 ta' Awissu 1970, meta kellu 72 sena. L-għada sarlu funeral solenni fil-Bażilka ta' l-Isla li għaliha tant ħadem biex jagħtiha qawmien ġdid wara l-ħerba tal-gwerra.

## KAN. DUN ĠWANN SLADDEN (1918–1986): It-Tlettax-il Arċipriet

Ġwanni twieled l-Isla, fil-21 ta' Settembru 1918. Fil-11 ta' Awissu 1946, hu ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Gonzi fil-Katidral ta' l-Imdina. Tul l-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu, hu għallem l-Ingliż lit-tfal fis-Seminarju Arċiveskovili ta' Malta fejn kien ukoll Viċi-Rettur u Prefett. Hu għallem ukoll fil-kulleġġi San Alwiġi u St. Edward.

Fil-bidu tas-saċerdozju tiegħu, l-Azzjoni Kattolika kienet il-mimmi ta' għajnejh. Kien l-Assistent Ekklesjastiku tas-sezzjonijiet ta' l-Irġiel u l-Ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika ta' l-Isla. Kien ukoll Assistent ekkleżjastiku Ċentrali tal-Fergħa Ġuvintur. Imma mid-data tas-17 ta' Diċembru 1966, meta tħabbar li l-Arċisqof Gonizi nnomina lill-Kan. Ġwann Sladden bħala t-tlettax-il Arċipriet ta' l-Isla, hu ta ruħu kollu kemm hu għall-parroċċa. Kien żmien ta' aġġornament fil-knisja wara li ntemm il-Konċilju Vatikan II. F'diversi okkażjonijiet hu tkellem ċar dwar il-bżonn ta' ħajja aħjar fil-parroċċa. Bħala ragħaj spiritwali, Sladden kien imbeżża li ma kienx hemm tagħlim biżżejjed u li jkun hemm minn iqarraq bil-poplu b'tagħlim żbaljat. B'dan f'moħħu kien ifakkar lit-tfal li kien hemm il-Museum, il-Leġjun ta' Marija u l-Azzjoni Kattolika.



*Kan. Dun Ġwann Sladden*

Kienu diversi dawk li lil Sladden sejħulu ***l-Arċipriet tal-Warda***. Dan għaliex hu ħadem biex, fl-okkażjoni ta' egħluq il-50 sena mill-inkurunazzjoni ta' Marija Bambina, titqiegħed warda tad-deheb f'riġlejn il-Madonna. Dan l-avveniment kbir seħħ fl-4 ta' Settembru 1971, fil-Bażilka stess, mill-Kardinal Giacomo Lercaro. Proġett kbir ieħor li nbeda mill-Arċipriet Sladden kien il-kitba ta' l-istorja sħiħa u dokumentata tal-Parroċċa ta' l-Isla. L-ewwel volum ta' din l-istorja, b'kitba ta' Patri Alessandru Bonnici OFM Conv. ġie ppublikat fl-1981, meta kien qed jiġi ċċelebrat ir-raba' ċentinarju mill-erezzjoni tal-parroċċa.

F'Ġunju 1984, Sladden ma kienx għadu iżjed f'saħħtu. Kien daħal aktar minn darba l-isptar u ġie li kellu jingħata anki kura intensiva. Il-5 ta' Marzu 1985, hi l-ġurnata li fiha Sladden temm il-ħidma tiegħu bħala Arċipriet ta' l-Isla. Dak in-nhar, tah ħass ħażin qawwi u qatgħu għal kollox mill-Isla. Fl-Lulju 1985, ġie mgħolli għall-ġieħ ta' Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Malta. Meta spiċċa minn Arċipriet, Mons. Sladden baqa' jgħix għal ftit xhur oħra miġbur fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara. Hu miet ta' 67 sena fit-3 ta' April 1986, fl-Isptar San Luqa. L-Għada, il-katavru tiegħu, ittieħed fil-knisja ta' San Filippu għall-qima tal-fidili. Is-Sibt, 5 ta' April, wara korteo minn

*ikompli f'paġna 30*

## FESTA TITULARI F'ĠIEĦ IL-VERĠNI MARIJA "PORTO SALVO" FIL-KNISJA TA' SAN FILIPPU

**It-Tlieta 26, l-Erbgħa 27 u l-Ħamis 28 t'Ottubru:**
**Jiem ta' Preparazzjoni:**
**5.30p.m.:** Rużarju Meditat.
**6.00p.m.:** Quddiesa bil-kant u l-omelija.

**Il-Ġimgħa 29 t'Ottubru:**
**Lejlet il-Festa**
**5.30p.m.:** Rużarju.
**5.45p.m.:** Għasar kantat tal-Madonna.
**6.15p.m.:** Transulazzjoni tar-Relikwija u Quddiesa kanatat bl-omelija mmexxija mill-Patri Superjur Henry Formosa S.J.

**Is-Sibt 30 t'Ottubru: Jum il-Festa**
**8.00a.m.:** Quddiesa
**5.10p.m.:** Rużarju
**5.30p.m.:** Għasar kantat tal-Madonna.
**6.00p.m.:** Tberik tal-Port u Quddiesa kantata konċelebrata mmexxija mill-Arċipriet Kan. Vincent Cachia, li jiċċelebra l-erbatax-il sena tal-bidu tal-ħidma tiegħu fostna bħala Arċipriet. Wara l-Quddiesa tingħata l-Barka Sagramentali.




*ikompli minn paġna 18*

San Filippu sal-Kolleġġjata, saret il-quddiesa funebri kkonċelebrata minn 108 saċerdot. Hu ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, f'Raħal Ġdid.

Minbarra dawn li semmejt, m'hemmx dubju li hemm oħrajn bħal ma huma Kan. Dun Franġisk Marendo, Kan. Dun Ġwann DeDomenico, Kan. Dun Goffred Lubrano, Kan. Dun Franġisk Abela, u Kan. Dun Arturo Bonnici, li għalkemm kienu huma wkoll ta' ġieħ għall-Isla, minħabba t-tul, kellhom jitħallew barra. M'hemmx dubju li mill-istorja nitgħallmu lkoll kemm aħna. Minn dan li qrajna, nindunaw kemm ta' qabilna kellhom għal qalbhom il-Belt Senglea u kemm kienu marbutin ma' Marija Bambina u s-Santwarju tagħha. J'Alla aħna li qed nibdew millenju ġdid, nagħarfu nimitaw dawn il-valuri biex dawk li jiġu warajna jiġġudikawna b'mod pożittiv.

*Riferenzi:*
Bonniċi, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Val. III, 1991.
Schiavone, M. & Scerri, L., *Maltese Biographies of the Twentieth Century*, PIN Pub., Pietà, 1997.

**Fabian Mangion**